MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2009

Numru 11/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Patrick Grixti**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 11 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Patrick Grixti, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi Patrick Grixti fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru elfejn u hamsa (2005), ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija (5 p.m.), kellu argument ma' Francis Farrugia, Birkirkara, dwar incident stradali. Illi f'mument minnhom Patrick Grixti ddecieda li joqtol lil Francis Farrugia u saq il-vettura tieghu b'sahha kbira fid-direzzjoni ta' Francis Farrugia li safa' mtajjar u sofra feriti gravi w dan bil-hsieb li joqtlu jew iqeghdlu hajjtu f'periklu car. Illi fortunatament l-akkuzat ma rrnexilux fil-ghan tieghu peress li dawn il-feriti ma kkawzawx il-mewt.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Patrick Grixti sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil- hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Patrick Grixti hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il- hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn seba' snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 41(1)(a), 211(1)(2), 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi ndikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w cioe' Birkirkara, fit-22 ta' Settembru, 2005, ghall-habta tal-5.00 p.m., Patrick Grixti sawwat lil John Zammit, Jacqueline Zammit, Kimberly Farrugia w Trisa Attard u volontarjament ikkagunalhom feriti hfief meta huma marru jintervjenu fl-istess incident.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Patrick Grixti sar hati ta' offiza hafifa volontarja fuq il-persuna w cioe' talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta' haddiehor f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil- gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Patrick Grixti hati ta' offiza hafifa fuq il-persuna w cioe' talli minghajr il-hsieb

li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ persuna ohra.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija ta’ mhux izjed minn tlett xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 221 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi ndikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w cioe’ Birkirkara, fit-22 ta’ Settembru, 2005, ghall-habta tal-5.00 p.m., Patrick Grixti volontarjament ghamel hsara fuq hajt/cint ghad-dannu ta’ Anthony Zammit u Carmelo Formosa ta’ aktar minn hamsin liri Maltin (LM50).

Illi b’ghemilu l-imsemmi Patrick Grixti sar hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, b’dan li l-ammont ta’ hsara kien ta’ aktar minn hamsin liri Maltin izda taht il-hames mitt lira.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Patrick Grixti hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, b’dan li l-ammont ta’ hsara kien ta’ aktar minn hamsin liri Maltin izda taht il- hames mitt lira.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija minn hames xhur sa sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(b) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, bi tmin (8) voti favur u b’vot wiehed (1) kontra sabu lil Patrick Grixti mhux hati skond l-Ewwel kap tal-Att tal-Akkuza w li bi tmin (8) voti favur u b’vot wiehed kontra sabuh mhux hati tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza ghax agixxa minhabba l-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu nnifsu kif ukoll unanimament sabuh mhux hati skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Patrick Grixti mhux hati tat-tlett Kapi tal-Att tal-Akkuza w minnhom tilliberah u wara li rat l-artikolu 487 tal-Kodici Kriminali tiddikjarah mehlus, u, jekk mhux detenut ghar-ragunijiet ohra, tordna li jigi liberat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------